A.L. 2 ta' l-1997

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1997 dwar l-Awtorità tad-Djar
(Trasferiment ta' Proprjetà)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1997 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-12 ta' Diċembru, 1996.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) *Flat* numru 3, Blokk 10, Hubbard Flats, Triq Alessandra, Bormla (Tenement No. 062357).

(2) *Flat* numru 4, Bini tal-Gvern, Triq il-Fosos, Floriana (Tenement No. 64685).

(3) *Flat* numru 4, f'numru 2, Triq San Franġisk, Floriana (Tenement No. 63755).

(4) *Flat* numru 5, Blokk III, Vjal De La Cruz, Qormi (Tenement No. 64184).

(5) Id-dar bin-numru 2, Blokk N, Triq iż-Żnuber, San Ġwann (Tenement No. 067785).

(6) *Flat* numru 8, Bieb 9, Blokk 10, Triq il-Gardenja, Santa Luċija (Tenement No. 64458).